## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Guramentat Nru **875/2021 (AJD)**

## JOANNE DEBONO GRECH (111068M) U CARMEL ATTARD (267868M) BHALA SINDKU U SEGRETARJU EZEKUTTIV RISPETTIVAMENT TAL-KUNSILL LOKALI TA' BIRKIRKARA IN RAPPREZENTANZA TAL-ISTESS KUNSILL LOKALI

**VS**

## WELCOME AUTO DEALER LIMITED (C-64346)

**Seduta ta' nhar il-Tlieta, 7 ta' Dicembru 2021**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali wara talba għall-ħlas ta' somma li ghandha tigi rifuza lura lill-Kunsill Lokali rikorrent maghmula permezz ta' rikors guramentat preżentat fit-tletin (30) ta' Lulju tas-sena 2021 ai termini tal-Artikoli 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors guramentat preżentat fl-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena 2021, Carmel Attard f'isem il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara ikkonferma bil-ġurament tieghu u premetta kif isegwi:

    a. Illi l-kontendenti ghamlu ftehim fid-9 ta' Ottubru 2020 rigward xiri ta' 'van' kif jidher mill-ftehim anness bhala Dok A;
    b. Illi skond l-imsemmi ftehim, il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara hallas is-somma ta' dsatax-il elf, disgha mija, tnejn u erbghin ewros (€19,942.00) lill-intimat;
    c. Illi s-socjeta' intimata ma oneratx l-imsemmi ftehim u qed tirrifjuta li thallas lurais-somma fuq imsemmija ta' dsatax-il elf, disgha mija, tnejn u erbghin ewros (€19,942.00) gjaladraba l-'van' ma inxtarax u dan skont il-ftehim imsemmi;
    d. Illi ghalkemm interpellata diversi drabi biex thallas l-imsemmija somma, l-intimata baqghet inadempjenti;
    e. Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma a diretta konoxxenza tal-Kunsill Lokali rikorrenti;
    f. Illi huwa principju stabbilit fid-dritt taghna li hadd maj ista' jarrikixxi ruhu a spejjez u pregudizzju ta' haddiehor, fil-kaz odjern fir-rigward tal-istanti socjeta' mill-konvenut.
    g. Illi l-indikat ammont jikkostitwixxi dejn li l-imharrka ghandha fil-konfront ghandha fil-konfront ta' l-istatnei u tali dejn hu wiehed cert, likwidu u dovut hekk kif jirrizulta wkoll mid-dikkjarazzjoni guramentata hawn annessa.
    h. Illi, sa fejn jaf l-istanti Kunsill Lokali, is-socjeta' intimata m'ghandhiex eccezzjonijiet x'tissolleva.
    i. Illi ghalhekk l-istanti socjeta' kellha tressaq il-prezenit proceduri sabiex tezigi u tottjeni l-pagament tal-ammont imsemmi, oltre imghax u spejjez, hawn fuq indikat.

Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża, illi permezz taghha l-atturi talbu lil din il-Qorti:

1. Fl-ewwel lok tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-Artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) in vista tad-dikjarazzjoni guramentata annessa mar-rikors guramentat u mmarkata bhala Dok B; u

2. Fit-tieni lok ghar-ragunijiet premessi, tordna u tiddikjara s-socjeta' intimata bhala debitrici versu l-Kunsill Lokali attur fl-ammont ta' dsatax-il elf, disgha mija, tnejn u erbghin ewros (€19,942.00);

3. Fit-tielet lok, tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lill-Kunsill Lokali attur l-imsemmi ammont ta' dsatax-il elf, disgha mija, tnejn u erbghin ewros (€19,942.00).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentati kontestwalment ma' din il-kawza u bl-interessi bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) skond il-Ligi dekorribbli mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess socjeta' konvenuta, li hija minn issa msejha ghas-subizzjoni taghha.

**Il-Qorti**

3. Rat ir-rikors ġuramentat u d-dikjarazzjoni tal-fatti tal-Kunsill Lokali rikorrent tal-ewwel (1) ta' Settembru 2021.

4. Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mal-istess rikors guramentat, u cioe' dikjarazzjoni guramentata ta' Carmel Attard mmarkata Dok A u ftehim datat 9 ta' Ottubru 2020 mmarkat Dok B.

5. Reġgħet rat id-digriet ta' din il-Qorti stess tas-17 ta' Settembru 2021 illi permezz tiegħu din il-kawża ġiet appuntata għas-seduta tat-12 ta' Ottubru 2021 fl-10:50am u s-socjeta' intimata ġiet ordnata sabiex tidher f'dik il-ġurnata u twieġeb għat-talba tar-rikorrenti nomine. Il-Qorti ddikjarat illi, fin-

nuqqas, hija kienet sejra tgħaddi biex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti;

6. Rat il-verbal tas-seduta tal-lum, il-Hamis 7 ta' Dicembru 2021, fejn ġie dikjarat illi s-socjeta' konvenuta msejha diversi drabi baqghet ma dehritx, għalkemm debitament notifikata bir-rikors ġuramentat, bid-dikjarazzjoni maħlufa u bid-dokumenti esebiti ai termini tal-Artikoli 168, 169 u 169A tal-Kap 12, is-socjeta' konvenuta baqghet kontumaċi;

7. Rat l-Artikolu 170(1) tal-Kap 12;

8. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

9. Fl-ewwel lok, in konsiderazzjoni tan-nuqqas ta' kontestazzjoni da parti tas-socjeta' intimata sabiex il-kawża tinstema' bid-dispensa tas-smiegħ, il-Qorti tqis illi l-ewwel talba tal-Kunsill Lokali rikorrent għandha tintlaqa';

10. Fit-tieni lok, il-Qorti tqis illi jista' jitqies sodisfaċentement pruvat li is-socjeta' intimata hija debitrici tal-Kunsill Lokali rikorrent fl-ammont ta' dsatax-il elf, disgha mija, tnejn u erbghin ewros (€19,942.00), rapprezentanti somma li ma gietx rifuza lura lill-Kunsill Lokali rikorrent gjaladarba x-xiri ta' vann ma sehhx skond il-ftehim datat 9 ta' Ottubru 2020.

11. Il-Qorti tqis ukoll illi jista' jitqies sodisfaċentement pruvat il-fatt illi s-socjeta' intimata naqset milli thallas lill-Kunsill Lokali rikorrent l-istess ammont ta' dsatax-il elf, disgha mija, tnejn u erbghin ewros (€19,942.00) u dan skont dak indikat u konfermat mill-Avukat difensur tar-rikorrenti liema fatt <u>ma ġiex kontestat mis-socjeta' intimata minkejja illi ngħatat minn din il-Qorti l-possibilta' kollha mogħtija lilha mil-liġi sabiex tagħmel dan</u>;

12. In vista ta' dak kollu suespost, din il-Qorti tikkonkludi illi t-talba tal-Kunsill Lokali rikorrent.

13. F'dak illi jirrigwarda t-talba tal-Kunsill Lokali rikorrent għall-ħlas tal-imgħaxijiet legali, il-Qorti tinnota illi l-Artikolu 1141 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi:

> *(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.*
>
> *(2) F'kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.*

14. Il-każ odjern si tratta dwar hlas ta' somma li ma gietx rifuza lura lill-Kunsill Lokali rikorrent illi jinkwadra ruħu fis-sub-inċiż (2) suċitat.

**Decide**

15. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **<u>Tilqa</u>'** l-ewwel talba attriċi, u, konsegwentement,

(ii) **<u>Tilqa</u>'** t-tieni talba attrici u tiddikjara li s-socjeta' intimata hija debitritici versu l-Kunsill Lokali rikorrent fl-ammont ta' dsatax-il elf, disgha mija, tnejn u erbghin ewros (€19,942.00).

(iii) Tilqa' t-tielet talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' intimata sabiex thallas lill-Kunsill Lokali rikorrent s-somma ta' dsatax-il elf, disgha mija, tnejn u erbghin ewros (€19,942.00), bl-imghaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mid-data tal-prezentata tal-kawza sal-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestruipprezentat kontestwalment mar-rikors guramentat a karigu tas-socjeta' intimata.

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Reġistratur**